ST THOMAS MORE COLLEGE
Middle and Secondary School, Żejtun

L-1 ta' Awwissu, 2023

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Filwaqt li nisperaw li tinsabu tajbin, ħassejna l-ħtieġa li nagħmlu kuntatt magħkom bl-informazzjoni neċessarja qabel ma nibdew sena skolastika ġdida.

**SENA SKOLASTIKA 2023- 2024**

Is-sena skolastika l-ġdida se tibda nhar l-Erbgħa, 27 ta' Settembru, 2023.

**LAQGĦAT TAL-BIDU**

Hija l-intenzjoni tal-amministrazzjoni tal-iskola li torganizza **Laqgħat Virtwali għall-Ġenituri** f'Settembru 2023 skont l-iskeda ta' hawn taħt. Il-ħolqa għal-laqgħa ser tinbagħat b'emajl aktar 'il quddiem:

| | | |
|---|---|---|
| It-12 ta' Settembru, 2023 | Is-7 Sena | 09:00 |
| It-13 ta' Settembru, 2023 | It-8 Sena | 09:00 |
| Il-15 ta' Settembru, 2023 | Id-9 Sena | 09:00 |
| It-18 ta' Settembru, 2023 | L-10 Sena | 09:00 |
| Id-19 ta' Settembru, 2023 | Il-11-il Sena | 09:00 |

Ikun apprezzat jekk ma tagħmlux impenji f'dawn id-dati. Grazzi bil-quddiem tal-kooperazzjoni tagħkom.

**TQASSIM TAL-KOTBA**

Bħalma jsir kull sena, il-librara ppreparaw il-kotba li l-istudenti għandhom bżonn fis-sena skolastika li ġejja biex intom tkunu tistgħu tiġbruhom u jkunu għand uliedkom qabel ma nibdew is-sena skolastika l-ġdida. Dakinhar, l-istudenti mitluba li jidħlu minn Grada 2 u jmorru ġo Blokka 2. It-tqassim tal-kotba l-ġodda se jsir hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Id-19 ta' Settembru, 2023 | It-8 Sena | 08:15 – 14:30 |
| L-20 ta' Settembru, 2023 | Is-7 Sena | 08:15 – 14:30 |
| It-22 ta' ,2023 | Id-9 Sena | 08:15 – 14:30 |

Aktar informazzjoni tingħata fil-ġimgħat li ġejjin. L-istudenti l-ġodda li se jkunu fi snin differenti, se jingħataw il-kotba matul l-ewwel ħmistax tal-iskola.

**ĠBIR TA' DATA**

Mehmuż għandkom issibu applikazzjonijiet biex terġgħu timlewhom. Dawn jinġabru dakinhar stess meta jsir il-ħlas u t-tqassim tal-kotba.

**ĠBIR TA' FLUS**

Intom mitluba sabiex dakinhar li tiġbru l-kotba, tmorru wkoll fi Blokka 2 biex isir il-ħlas ta' darba bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' matul is-sena skolastika 2023-2024 li jinkludu l-fotokopji, id-djarju tal-iskola, il-kard ta' identifikazzjoni, l-użu tal-locker ,u r-rivista tal-iskola. Importanti li l-flus jitpoġġew ġo envelopp bl-isem, bil-kunjom, u bil-klassi.

| Is-Sena matul is-sena skolastika 2023-2024 | Ammont Totali |
|---|---|
| Mis-7 sal-10 Sena | €40.00 |
| Il-11-il Sena | €30.00 |

**UNIFORMI TAL-ISKOLA**

L-uniformi tal-iskola, li tinkludi wkoll il-ġakketta tal-iskola, tista' tinxtara mingħand Yorkie.
Għal aktar informazzjoni, agħfsu l-ħolqa ta' hawn isfel:
https://zejtunmiddlesecondaryschool.com/school-uniform/

**IBQGĦU AĠĠORNATI**

Importanti ħafna li matul il-vaganzi tas-sajf, l-istudenti jiċċekkjaw kemm il-posta elettronika tal-iskola (iLearn), kif ukoll il-mezzi soċjali tagħna. Se nibagħtu aktar korrispondenza u tajjeb li jibqgħu aġġornati.

Grazzi tal-kooperazzjoni tagħkom.

Is-Sur A. Galea
Il-Kap tal-Iskola